

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2017 – SymbioPharm vs EMA(Kawża T-295/16) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Bidu tal-proċedura ta' riferiment tal-EMA — Artikoli 31 sa 34 tad-Direttiv 2001/83/KE — Prodott mediċinali Symbioflor 2 u prodotti mediċinali li għandhom isem li jixxiebah — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att preparatorju — Inammissibbiltà)

(2017/C 144/61)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: SymbioPharm GmbH (Herborn, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Sander, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: T. Jabłoński, N. Rampal Olmedo, I. Ratescu, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-EMA tal-1 ta' April 2016 fir-rigward tal-bidu tal-proċedura ta' riferiment imsemmija fl-Artikoli 32 sa 34 tad-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), fir-rigward tal-prodott mediċinali Symbioflor 2 u prodotti mediċinali li għandhom isem li jixxiebah wara notifika mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont l-Artikolu 31 tal-inmemmija direttiva.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) SymbioPharm GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 279, 1.8.2016.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2017 – Popescu vs Ir-Rumanija

(Kawża T-380/16)

("Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni")

(2017/C 144/62)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Partijiet

Rikorrenti: Doina Popescu (Slatina, ir-Rumanija) (rappreżentant: M. Ispas, avukat)

Konvenuta: Ir-Rumanija

Suġġett

Talba intiża, minn naħa, għall-kundanna ta' diversi awtoritajiet nazzjonali Rumeni minħabba allegati fatti ta' natura kriminali u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sostniet.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Doina Popescu għandha tbat i-ispejjeż tagħha.